



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en, it)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0171(COD)

13039/23
ADD 1

CONSOM 319
MI 759
COMPET 889
EF 273
ECOFIN 893
DIGIT 185
CYBER 216
CODEC 1623

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-krediti għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva 2008/48/KE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA DWAR ID-DIRETTIVA DWARIL- KREDITI GĦALL-KONSUMATUR

L-Italja tappoġġa l-qbil dwar id-Direttiva dwar il-krediti għall-konsumatur.

Filwaqt li m'aħniex sodisfatti għalkollox bir-regoli dwar il-**miżuri ta' tolleranza**, aħna nqisu li d-Direttiva fl-intier tagħha toħloq bilanċ tajjeb bejn il-ħtieġa li l-konsumaturi jitħarsu mir-riskji involuti fis-self f'suq diġitali li qed jevolvi u l-ħtieġa li tingħata spinta lill-kompetittività tas-suq intern.

Nistennew li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jsegwu mill-qrib il-mudelli kummerċjali l-ġodda li bħalissa qed jinxterdu, bħall-"**buy now pay later**", sabiex tiġi salvagwardata l-istabbiltà tas-suq tal-krediti għall-konsumatur u sabiex ikun jista' jsir kwalunkwe aġġustament meħtieġ biex tiġi żgurata l-effettività tal-leġislazzjoni maż-żmien.
